Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 56/2004

**Anthony Vella**

**vs**

**Mark Said**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ elf u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1023.74c) dovuti lilu bhala hlas ta’ xoghol u parts li sar mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut f’diversi okkazjonijiet, u dana fuq struzzjonijiet ta’ l-istess konvenut.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittri interpellatorji mibghuta fil-11 ta’ Mejju 2004 u fit-3 ta’ April 2004 (Dok A u B) u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004;

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kaptitoli u lanqas ghal dik tal-lum, minghajr ma gab ebda raguni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM1023.74c prezz ta' xoghol u spare parts li sar mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Mejju 2004 u tat-3 t'April 2004."

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------